## *Minn Ġrajjiet il-Qala*

# X'ĠARA SEWWA FL-1688?

## Il-Qala saret Parroċċa flimkien ma' Sannat, ix-Xagħra u ż-Żebbuġ.

## (2)

*minn Anton Buttigieg P.E.P.*

Fil-ħarġa ta' "Leħen il-Qala" Serie C no 14, jien akkużajt lil Fr. Alex. Bonnici O.F.M. Conv. b'nuqqasijiet serji li hu kien wettaq fl-istorja tat-twaqqif ta' l-erba' parroċċi: Sannat, Xagħra, Qala u Żebbuġ, fl-1688.

In-nuqqasijiet ta' Bonnici kienu diġa dehru fil-ktieb tiegħi "Fejn Saret il-Parroċċa fl-1688? Fil-Qala jew fin-Nadur?"

Meta Bonnici sab ruħu fl-impossibilità li jiddefendi ruħu kontra l-akkużi li kienu sarulu, infexx f'furja ta' tgħajjir u nsulti kontra tiegħi fi ktejjeb b'titlu falz. Bonnici nfexx ukoll f'litanija ta' żbalji, li hu qal, jien kont wettaqt:

**a)** L-ewwel żball li semma li jien għamilt, u ġiebu bħala eżempju niddikjara li jiena qatt ma għamiltu. Ivvintah hu, ħolqu hu stess imbagħad għadda biex jikkritikani bih. Ħela faċċata biex juri dan, jiġifieri b'dak li hu kien żied.

**b)** F'ittra li kiteb lill-Isqof Cauchi gideb kontra tiegħi biex jakkużani b'nuqqasijiet li jien qatt ma kont għamilt. Għandi l-provi kollha li dak li qal fuqi lill-Isqof hu gidba sfaċċata u ntenzjonata.

**c)** Jiena ktibt li n-Nadur fl-1688 minn kontrada tal-Matriċi għadda għal Kontrada tal-parroċċa ġdida tal-Qala. Bonnici qal li din il-kitba tiegħi kienet żbaljata u kompla jgħid li fl-1688 kienet il-Qala li saret kontrada tal-parroċċa tan-Nadur.

Il-kitba tiegħi kienet ibbażata fuq id-dokument ta' Dorbes tat-28 ta' April 1688 fejn għal bosta drabi jingħad li l-erba' parroċċi mwaqqfin bih kienu: Sannat, Xagħra, Qala u Żebbuġ. In-Nadur jissemma biss fil-parti tal-Qala u fil-limiti tagħha jidher hekk:

**"Comprendendosi in questo ristretto la suddetta contrada Tal Cala con sue pertinenze: cioe' Nadur, Comino e Ramla."**

Hekk Bonnici biex jakkużani bi żball li qatt ma għamilt wasal biex jiffalsifika għal darba oħra parti mid-digriet tat-28 ta' April kif kien diġa għamel fil-ktieb tiegħu "Nadur" pp 115-116.

**d)** Żball ieħor kbir tiegħi (skond Bonnici) kien meta jien ittimbrajt bħala "ħrafa" u ħliqa stupida" kitba tiegħu fejn qal li l-Qala fl-imgħoddi kienet biċċa min-Nadur. Biex joħloq dan l-iżball kontra tiegħi wasal biex giddeb lilu nnifsu u ċaħad dak li hu stess kien kiteb. B'din iċ-ċaħda tiegħu m'għamilx ħaġa oħra ħlief wera' kemm tassew kienet "ħrafa u ħliqa stupida" l-asserzjoni tiegħu dwar il-Qala fl-imgħoddi.

**e)** Insemmi żball ieħor li jien wettaqt (naturalment skond Bonnici) Dan ġara' kull darba li jien ktibt "Ferris". Bonnici ttimbra dan bħala żball. Qal li kelli nikteb "Ferres".

Fittixt ftit u sibt li Achille Ferris fil-ktieb tiegħu **"Storja Ecclesiastica di Malta"** kiteb **Ferris,** bħali, mhux Ferres. Fittixt fil-kotba ta' Laferla "British Malta". Sibt l-istess - "Ferris" mhux Ferres - Qallibt ukoll il-ktieb ta' Jos. Bezzina **"Religion and Politics** ecc" Hawn ukoll sibt "Ferris" mhux Ferres. Fl-aħħar ftaħt il-ktieb **"Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta"** ta' Fr. Alex Bonnici O.F.M. Conv. innifsu u sibt miktub Ferris darbtejn p.13 u darba p.129. Bonnici f'dan il-ktieb qatt ma niżżel Ferres.

Issa jekk dan l-iżball għamlu hu nnifsu qabli; għamluh oħrajn u għamlu l-istess Achille Ferris (miskin ma kienx jaf jikteb ismu sewwa!) għaliex Bonnici għaddieh fuqi biss?

Biżżejjed dawn biex nuri kemm Bonnici kien qarrieq fil-ħajja li wera biex ixerred ma' l-erba' rjieħ żbalji li jien qatt ma għamilt u dan għamlu fid-dawl tax-xemx, mingħajr l-ebda skruplu, u bil-libsa ta' San Franġisk fuqu.

Fl-istess ħin kixef l-inabilità tiegħu biex jiddefendi lilu nnifsu mill-attakki tal-kontradizzjonijiet u tal-falsifikazzjonijiet li jien kxift li hu kien wettaq.

Bonnici kiteb li jien il-Latin ma nafux. Għandi ċ-ċertifikat fil-Latin tal-Matrikola ta' Malta. Fi żmieni kien tassew iebes. Fl-istess kitba tiegħu Bonnici wera biċ-ċar li kien hu stess li l-Latin tad-dokumenti ma fehmux, tant li tbiegħed mir-regoli tal-grammatika u l-imgħoddi poġġieh fil-ġejjieni. Wera biċ-ċar li ma għarafx id-differenza bejn **"erigere"** u **"construere"** fid-dokument. Wera ukoll li ma jafx xi tfisser **"noviter"**. Wara dawn l-isbalji fil-Latin għadda biex jaqleb is-sens tad-dokument (28/4/1688) u hekk iffalsifikah għal darb oħra.

Bonnici akkużani wkoll li jien ma fhimtx id-dokumenti ta' l-Isqof Cocco Palmeri. B'din ried jipprova jgħatti l-falsifikazzjonijiet li kien wettaq? Nistaqsieh:

Fejn fid-dokument ta' l-erbgħa ta' Mejju 1687, in-Nadur jissemma b'ismu? Jipprova dak li kiteb fl-**Għid ta' l-Assunta (1982)** billi jikkwota mit-test tad-dokument.

Nistaqsi lil Bonnici: Fejn fid-digriet tat-28 ta' April 1688 sab lin-Nadur ikklassifikat ma' Sannat, Xagħra u Żebbuġ, kif kiteb diversi drabi fil-ġurnali?

Fejn fil-kuntratt ta' Dorbese, issemmew Sannat, Xagħra, u Żebbuġ flimkien u l-Qala ma kenitx magħhom?

Fil-kopja fotostatika li għandi tad-dokument, ta' Dorbese, ma' Sannat, Xagħra u Żebbuġ dejjem dehret il-Qala u dejjem fit-tielet post. In-Nadur ma deher qatt magħhom. In-Nadur jidher biss fil-parti dwar il-parroċċa tal-Qala.

Nistaqsi wkoll lil Bonnici. Fejn sabu mniżżel lin-Nadur fid-dokument tat-18 ta' Settembru 1688 kif ried jinsinwa fl-artiklu li kiteb fil-**"Gozo Primary Schools Magazine", May 1980?** Fil-kopja li għandi tad-dokument, in-Nadur ma jissemma qatt. A.A.M. Litt et Decreta (1684-1711) Tom IV ff 73-74 v.
"Decretum S. Cong. Concil. super confirmatione Erectionis Quattuor Paroch, Insulae Gaudisii. 5-3-1689."

Dan id-dokument jikkonferma b'manjiera l-aktar ċara li fit-28 ta' April 1688 **l-parroċċa ġiet imwaqqfa fil-Qala** u mhux fin-Nadur.

Bonnici hu mitlub jissostanzja dak li kiteb fil-**Gozo Primary Schools Magazine** billi jikkwota mit-test.

Minn dan il-qarrej jara sewwa li l-akkuża li Bonnici għamilli meta qal li jien ma fhimtx id-dokumenti kienet waħda qarrieqa. Ħoloq din l-akkuża bħal ma ħoloq dik ta' l-iżbalji għaliex ma kienx kapaċi jwieġeb għall-akkużi wisq serji li jien għamiltlu, u bil-provi, meta ktibt li hu ffalsifika d-dokumenti tal-Isqof Cocco Palmeri dwar l-erezzjoni tal-parroċċi ta' Sannat, Xagħra, Qala, Żebbuġ.

Nistiednu wkoll jiddefendi ruħu mill-akkużi wisq serji li għamillu l-Arċipriet Sultana billi jeħodhom waħda waħda u jweġibhom waħda waħda. *(Ara "Leħen il-Qala", April-Mejju 1988, pp.32-39)*

Nistiednu juri sens ta' irġulija u jissustanzja bil-provi dak li kiteb dwar l-Arċipriet, fejn qal li hu taħt l-influenza tiegħi. Mela ħaseb li l-Arċipriet Sultana hu xi wieħed bħal dawk il-boloħ li jaħsbu li kull ma' jgħid Bonnici hu Vangelu?

Juri Bonnici l-abilità tiegħu billi jipprova jwaqqa' l-argumenti ta' l-Arċipriet Sultana bil-fatti u bil-provi mhux b'xi espressjoni bla sens kif għamel. Ma nkomplix. Sultana wera kemm hu tassew kapaċi jiddefendi ruħu, bil-fatti ċari f'idejh. Ħaġa waħda biss inżid: Għaliex Bonnici qiegħed juri dik il-ħerqa kollha f'karba miskina għalkemm mistura biex jifred lill-Arċipriet minni? "Divide et impera?!" Miraġġ fid-deżert li fih jinsab.... Aħna t-tnejn, l-Arċipriet u jien, qegħdin niddefendu, dak li hu tagħna u m'aħna se nħallu l-ebda Bonnici jew ammiraturi tiegħu, ikasbruh jew jisirquh għal xi vantaġġ tagħhom....

Fil-kitbiet tiegħu, Bonnici ħareġ b'espressjoni oħra. L-aktar fil-ġurnali, kemm il-darba pprova jfisser **x'kellu f'moħħu** l-Isqof Cocco Palmeri.

X'kellu tassew f'moħħu l-Isqof Cocco Palmeri qabel waqqaf il-parroċċa tal-Qala, meta waqqafha u wara li waqqafha wriħulna hu stess f'għadd ta' dokumenti.

**1)** Beda' bid-dokument ta' l-4 ta' Mejju 1687. Fih il-Qala hi waħda mill-irħula magħżulin biex isiru parroċċi. L-oħrajn huma: Sannat Xagħra u Żebbuġ. **Xejn dwar in-Nadur.**

**2)** Bil-kemm għaddew tmint'ijiem meta fit-12 ta' Mejju 1687 għandna dokument ieħor fis-supplika lill-Gran Mastru fejn **ir-raħal tal-Qala** jidher l-ewwel wieħed immarkat biex jitwaqqaf f'parroċċa. **Xejn dwar in-Nadur.**

**3)** Fit-12 ta' Jannar 1688 għandna dokument ieħor. Fih ukoll **il-Qala** tissemma l-ewwel waħda bħala r-raħal magħżul fejn sa titwaqqaf parroċċa ġdida. **Xejn dwar in-Nadur.**

**4)** Id-digriet tat-28 ta' April 1688 waqqaf lill-Qala bħala Parroċċa. Fih naqraw dwar **"parocho et parochiali Ecclesiae Sanctae Mariae de la Cala"**, p.6. Fil-faċċata 11, naqraw: **"Limites vero eiusdem parochiae" (tal-Qala)** Il-limiti tal-parroċċa tal-Qala jispiċċaw b'dan il-Kliem: **"Comprendendosi in questo ristretto la suddetta contrada tal Cala con sue pertinenza. cioè Nadur, Comino e Ramla."**

Hekk jissemma n-Nadur fil-parti tal-limiti tal-parroċċa tal-Qala; bħala **"pertinenza"** tal-parroċċa ġdida tal-Qala, l-istess kif jissemmew Kemmuna u r-Ramla.

**5)** Fid-dokument tat-18 ta' Settembru 1688 l-Isqof Cocco Palmeri jitlob il-konferma tal-parroċċa tal-Qala li kienet ġiet imwaqqfa bid-digriet tat-28 ta' April 1688. F'dan id-dokument ukoll **xejn dwar in-Nadur.**

L-isqof Cocco Palmeri wriena **x'kellu f'moħħu** speċjalment meta kiteb f'dan id-dokument il-kelmiet **"considerans propterea incolis dictarum quattuor regionibus"** - Sannat, Xagħra, Qala, Żebbuġ,- Il-kelma **"considerans"** turina x'kellu tassew f'moħħu Mons. Cocco Palmeri.

**6)** Ir-risposta tal-5 ta' Marzu tas-Sacra Cong.: "Eminentissimorum Cardinalium Concilii Tridentini Interpretum respondit: Affirmative' hi fuq il-parroċċa tal-Qala. Fuqha talabha l-Isqof.

**7)** Din il-konferma nsibuha f'dokument ieħor li fl-istess ħin jurina x'kellu dejjem f'moħħu l-Isqof Cocco Palmeri dwar il-parroċċa tal-Qala fl-1688 u wara.

Dan id-dokument hu l-Viżta Pastorali lill-Knisja Parrokkjali tal-Qala fil-11 ta' Mejju 1698, mwettqa minn Mons. Antonio Manso, f'isem l-Isqof Cocco Palmeri. Fiha naqraw:

**"Din il-parroċċa tal-Qala** hi waħda mill-erba' mwaqqfin bid-digriet tat-28 ta' April 1688 (sic) kif kien ġie mwiegħed f'kitbiet oħra. (Sic).

**Din il-parroċċa tal-Qala** ġiet approvata mis-Sagra Kong. Tal-Konċilju bid-digriet tal-5 ta' Marzu 1689. (sic)

**Kappillan ta' din il-parroċċa** hu Dun Bernard Haber, l-istess wieħed li kellha meta ġiet imwaqqfa".

Dawn id-dokumenti, Bonnici, direttament jew indirettament iffalsifikahom kull meta kiteb li fl-1688 il-parroċċa ma saritx fil-Qala.

Aktar minn hekk kull darba li qal hekk irrenda lill-Isqof impustur, faċċol u giddieb; għaliex kif seta' l-Isqof Cocco Palmeri erba' xhur wara d-digriet tat-28 ta'April **jitlob l-approvazzjoni ta' Ruma fuq il-parroċċa tal-Qala** jekk mhux għax tassew kien waqqafha bid-digriet imsemmi?

B'din il-kitba wkoll Bonnici rrenda lill Eminentissimi Kardinali tas-Sagra Kong, tal-Konċilju qabda mbeċilli meta approvaw il-parroċċa tal-Qala, la darba, kif qal Bonnici, ma kenitx imwaqqfa...

Irrenda wkoll lill-Inkwisitur Vidoni baħnan meta esegwixxa d-digriet tal-approvazzjoni tal-parroċċa tal-Qala, f'isem is-Sagra Kong. tal-Kardinali tal-Konċilju. Tassew baħnan kien ikun biex jesegwixxi digriet fuq parroċċa li, jaf qal Bonnici, ma kenitx teżisti. Vidoni, bħala Inkwiżitur, kien fid-dmir li jkun jaf x'kien qiegħed isir. Kien fid-dmir ukoll li minnflok jgħaġġel jesegwixxi d-digriet fuq il-parroċċa tal-Qala jinforma lill-Kardinali konċernati li kellhom żball jekk kellu xi dubju.

Kull meta kiteb li fl-1688 il-parroċċa ma saritx fil-Qala rrenda lill-Vigarju Ġenerali Mons. Manso, giddieb. Għaliex Mons. Manso f'isem u fuq ordni ta' l-Isqof Cocco Palmeri għamel viżta pastorali lill-parroċċa tal-Qala taħt it-titlu tal-B.M.V. fil-11 ta' Mejju 1698 jiġifieri **għaxar snin wara t-twaqqif tagħha,** u ħalla miktub:

li din il-parroċċa tal-Qala kienet waħda mill-erba' parroċċi mwaqqfin bid-digriet tat-28 ta' April 1688 u ġiet approvata minn Ruma bid-digriet tal-5 ta' Marzu 1689.

Il-kitbiet tiegħi, bħal dawk tal-Arċipriet Sultana, huma msejsin fuq id-dokumenti li jien elenkajt.

Fl-ittra lill-Isqof Cauchi, li jien semmejt fil-bidu ta' din il-kitba, Bonnici stqarr li hu jħobb l-istorja. Min iħobb l-istorja jirrispettaha billi jħalliha kif isibha. Ma jneħħix l-isem tal-Qala mid-dokumenti u floku jdaħħal lin-Nadur biex jgħaddi fuqu l-ġieħ li kien imiss lil-Qala.

Min iħobb l-istorja jaċċetta l-argumenti validi mibnija fuq id-dokumenti; mhux kif għamel Bonnici meta sab ruħu marsus mill-Arċipriet Sultana u minni. Meta ma setax jirrispondi żżejjen b'atteġġjament superjuri u nfexx fit-tgħajjir u fl-insulti u f'konkluzzjonijiet banali fuq il-parroċċa tagħna.

X'jaħseb Bonnici? Li meta jitkellem hu, ukoll jekk ikun żbaljat bħal ma kien fil-każ tal-parroċċa tal-Qala, kulħadd għandu jbaxxi rasu? **"Quisquis adest faveat?"** (Tibullo) Jew iqis ruħu xi oraklu: **"And when I open my lips let no dog bark?"** (W. Shakespeare).

Iż-żmien ta' l-orakli spiċċa. Qiegħdin noqorbu lejn iż-żerniq tas-seklu 21. Imma l-verità tibqa' ssib min jiddefendiha....

"Usque tandem, Alexander, abutere patientia nostra."

*Għal kull xogħol ta'*

**Għamara,**

**Sottospekki,**

**Salotti, eċċ.,**

**u affarijiet**

**taċ-Ċeramika u**

**ħtiġijiet oħra**

**tad-dar**

**bi Prezzijiet Moderati**

*irrikorru għand:*

**KELINU SPITERI LTD**

**Factory & Showroom:**
**63A, Republic Str.,**
**Victoria,**
**Tel. 556462.**

**Office:**
**1, Dun Karl Bondi Str.,**
**Victoria.**

**RENAULT**

**RENAULT SUPERFIVE THE KNOCKOUT!**

Prices from
RENAULT 5 — Lm3,300
RENAULT 11 — Lm3,550
RENAULT 21 — Lm5,500
RENAULT 25 — Lm7,500




You may see them at
**KIND'S Showroom, Lija. Tel: 488377 – 488691**
**Gozo Sub Agent: S. BAJADA, Victoria. Tel: 556520-556773.**

THERE'S MORE TO LIFE WITH **RENAULT**